

# Bella Toscana

A: 17 – 23 t'April (Easter Holidays)
B : 24 – 30 ta' Mejju
C: 19-26 Lulju
D: 16-23 Awwissu
E:13-20 Settembru

## Arezzo, Montecatini, Siena, San Gimignano, Firenze, Lucca, Pisa, Rapallo, St Margerita Di Liguria,Portofino, Orvieto

**L-Ewwel Jum**

Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-04.30 għall-flight KM612 li ttir fis-07.00 lejn Ruma fejn naslu fit-08.35. Mal-wasla tagħna transfer lejn l-belt ta' **Arezzo**, li tinsab fil-qalba tar-reġjun, fejn esploraw l-istorja, il-kultura u l-wirt artistiku rikka tagħha Nkomplu lejn **Montecatini Terme**, akkomodazzjoni ġo 4 star ħotel fiċ-ċentru. Ħarġa ma' leader u ċena fil-Hotel.

**It-Tieni Jum**

Flimkien niskopru l-ġmiel tal- belt ta' **Firenze**. Hawnhekk naraw il-famuż Duomo fejn min irid jista' jitla sa fuq il-koppla biex taraw veduta sabieħa ta' Firenze. Naraw il-Battistero u l-kampnar famuż disinjat minn Giotto, il-Katidral, Ponte Vecchio u Piazza Signoria. Ma jonqosx li jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing.

**It-Tielet Jum**

Eskursjoni għal **Pistoia** fejn nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku fejn naraw l'Katidral, u l'Palazz Del Comune fost oħrajn. Nkomplu lejn **Barberino Designer Outlet** li jinsab ġo Barberino Di Mugello. Hawn insibu diversi ħwienet rinomati bi prezzijiet skontati. Filgħaxija min irid jista jmur ma tour leader biex iżżur **Montecatini Alto** (cable car extra)

**Ir-Raba' Jum**

Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna Portofino fil-Liguria. L-ewwel waqfa tagħna tkun **St Margerita di Liguria** fejn flimkien nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku tal-belt. Naraw il-bażilika barokka tas-seklu 17, kif ukoll il-kastell. Nagħmlu dawra mal-leader madwar il-Promenade imżejna bl-Al Frescos bars u restaurants. Issa jmiss li naqbdu l-boat (extra) li twassalna **Portofino**, wieħed mill-ġojelli mal-kosta Taljana. Post mill-iżjed eleganti u romantiku li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nagħmlu mixja matul il-port fejn naraw yachts mill-isbaħ, ħwienet żgħar u tant ħelwin. Fuq l-għolja naraw Castello Braun u l-knisja ddedikata lil San Martin, ikollna ħin liberu u min irid jitsa' jitla fuq l-għolja. Nerġgħu naqbdu l-boat fejn vjaġġ ta' 30 minuta jwassalna **Rapallo** bil- Promenade sabiħ tiegħu mimlija siġar mimlija siġar tal-palm, fejn naraw veduta sabiħa tal-bajja mdawra bil-bini ikkuluritu l- kastell ta' Rapallo.

**Il-Ħames Jum**

Nistiednukhom tgawdu magħna l-bliet magħrufa ta' **Siena** u ta' **San Gimignano**. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn Siena fejn naraw il-famuż Katidral, il-pjazza u l-majestuż Palazzo Comunale. Nkomplu lejn San Gimignano post li jsaħħrek bil-kultura u n-natura li joffri. Hawn naraw id-Duomo, Palazzo del Popolo,u t-Town Hall ikollna ħin liberu,nirritornaw Montecatini.

**Is-Sitt Jum**

Wara l- breakfast Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn inżuru Pisa u Lucca L-ewwel waqfa tkun fil- belt ta' **Pisa**, nagħmlu dawra ma' leader fejn naraw il-famuż Torri, Piazza dei Miracoli. Il-Katidral u l-Battistero fil-Campo Santo. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' suvenirs. Wara nkomplu lejn Montecarlo magħruf għall-inbid tajjeb u żejt ta' żebbuġa. Hawn nifqu għal **'Tuscan Merenda Tasting'** mill-aqwa li jikkonsisti f 'wine tasting u Tuscan cold cuts (mhux inkluż).Wara nkomplu lejn **Lucca** belt eleganti u raffinata . Hawn naraw postijiet ta' nteress bħal Katidral ta' San Martin u l-Pjazza Anfiteatro. Ċena fil-hotel.

**Is-Seba' Jum ( Lulju/ Awwissu/ Settembru)**

Skopri magħna l-ġmiel ta' **Cinque Terre** fejn baħar, għoljiet, dwieli, villaġġi ta' sajjieda u knejjes stil 'Genovese' jagħmlu din l-eskursjoni indimentikabbli. Mal-wasla tagħna ġewwa **Porto Venere**, li hi l-belt protetta mill-Unesco flimkien mat- tour leader nagħmlu dawra saċ-ċentru tal-belt. Issa wasal il-ħin li naqbdu l-boat (extra) li ser toħodna **Cinque Terre**; **Riomaggiore, Manarola, Cornilia, Vernazza u Monterosso**. Aħna se nżuru tnejn minnhom, l-ewwel waqfa tagħna tkun ġo **Vernazza**, post li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nieqfu għal sightseeing. Wara nżuru **Monterosso** li hu l-isbaħ wieħed fost il-ħamsa. Nagħmlu dawra mal-leader u jkollna ħin biżżejjed għall-ikel u xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura Montecattini.

**Is-Seba' Jum ( April / Mejju) jew It-tmien Jum ( Lulju/ Awwissu/ Settembru)**

Breakfast u transfer bil-kowċ lejn il-belt ta' **Orvieto** fejn flimkien mat- tour leader nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw toroq dojoq tant ħelwin, il-pjazza Prinċipali, Palazzi, Sqaqien mill-aktar pittoreski u l-katidral ta' Orvieto. Ħin liberu għal ikel u wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Fiumicino sabiex nagħmlu 'Check in' għall-flight KM625 li ttir fid-21.00 u naslu lura Malta fil-23.05

## Prezz kull Persuna jinkludi:

**Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi tal-Ajruport mħallsa:**

| | **Prezz Skontat- Apr, Mej** | **Prezz Skontat- Lul, Aww, Sep** |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1040 | **€1'100** |
| Kamra ta żewġ persuni | €1040 | **€1'100** |
| Kamra ta' persuna waħda | €1250 | **€1300** |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €850 | **€900** |

## Prezz jinkludi:

- Titjira mal- KM Malta Air għal Ruma
- 20 Kg Bagalja + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- Montecatini Hotel 4 star
- Buffet Continental Breakfast kuljum
- Ċena (5 ikliet)
- Taxxi tal ajruport
- Tour Leader

- Insolvency protection